MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 289/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Johann Calleja**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Johann Calleja ta’ 26 sena, bin il-mejjet Joseph u l-mejta Carmen xebba Amaira, imwieled Pieta` nhar id-9 ta’ Settembru 1985, residenti gewwa 34, Triq San Mikiel, Fgura u detentur tal-karta tal-identita` numru 459585M

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, f’xi hin nhar l-20 ta’ Frar 2012 u fix-xhur u tlett snin precendenti, f’Bormla u f’dawn

il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-Ufficjal Prosekutur talab korrezzjoni fis-sens illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, kellu jitnehha l-Artikolu 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, biex b'hekk jibqghu biss indikatii l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara, fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2013, illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha l-wahda, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt illi mill-istqarrija rilaxxjata minnu[1] jidher illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Qieset ukoll illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha l-ohra, il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat illi, sal-1 ta' Marzu 2012, kienet tinkludi kundanni dwar misapproprijazzjoni, ksur ta' kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest u reati ohrajn, *inter alia* ai termini tal-Artikoli 221, 251 u 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta wkoll mill-istess fedina penali illi f'dan ir-rigward, l-imputat kien gie ikkundannat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza u zewg sentenzi ta' prigunerija effettiva. Il-fedina penali aggornata tal-imputat baqghet ma gietx esebita mill-prosekuzzjoni. Il-Qorti qieset ukoll illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] A fol. 5 u 6 tal-process.

Jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fit-22 ta' Frar 2012, illi l-imputat ammetta li kellu problema ferm akuta ta' abbuz mid-droga kokaina. Biss biss, fl-istess stqarrija l-imputat ammetta wkoll illi huwa kien seraq il-kartiera ta' ohtu li kienet tikkontjeni €380, liema flus huwa uzahom ilkoll fl-istess jum sabiex jixtri d-droga kokaina. L-imputat ammetta illi kien ha wkoll il-*laptop* ta' ohtu u dan sabiex jissellef il-flus fuqu - €150 - b'liema flus imbaghad xtara d-droga kokaina u njettaha kollha dakinhar stess. Jghid illi ilu jabbuza mid-droga minn meta miet missieru u cioe` madwar ghaxar snin u illi jiehu madwar gramma kokaina kuljum, ghalkemm gieli ha izjed u gieli ha inqas.

Minn qari tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-konfront tal-imputat, fil-11 ta' Awwissu 2009[2], jidher ukoll illi dan il-vizzju tant akut tal-imputat kien il-kawza wkoll tar-reati li huwa nstab hati taghhom permezz ta' dik is-sentenza. L-estremitajiet li wasal fihom l-imputat jidhru li kienu xejn hlief rizultat ta' dan il-vizzju. X'aktarx dan kien ukoll il-kawza tar-reat li ghalih gie kkundannat l-imputat fit-18 ta' Frar 2009, liema reat jirrizulta mill-fedina penali tieghu.

Ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex informazzjoni dwar is-sitwazzjoni li jinsab fiha llum l-imputat, ossia jekk l-imputat ghadux afflitt minn din il-problema, madankollu, tenut kont tal-istorja twila ta' abbuz ta' droga li kellu l-imputat, il-Qorti tqis illi Ordni ta' *Probation* tkun idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 18, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tordna illi l-hati jitqieghed taht Ordni

[2] A fol. 12 et sequitur tal-process.

ta' *Probation* ghal zmien tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni hawn anness, li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------